# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 677/01/2 JA**

**Paul Vella u b'digriet tas-27 ta' Settembru 2002 l-atti ġew trasfużi f'isem Anna Cauchi; Joseph Vella u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2023 l-atti ta' Joseph Vella għaddew f'isem martu Therese Vella qua użufruttwarja, u f'isem uliedu Marilyn Cauchi u Mark Vella *qua* eredi *stante* l-mewt tiegħu fil-mori; Carmelo Vella, John Mary Vella, Margaret Vella u b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2022, *stante* l-mewt ta' Margaret Vella l-atti ġew trasfużi f'isem Anna Cauchi, Joseph Vella, Carmelo Vella, John Mary Vella, Paul Vella, Emanuel Vella, Maria Dolores sive Doreen Micallef u Theresa *sive* Marthese Bartolo; Paolo Vella; Emanuela Vella[1], u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2016 mogħti mill-Qorti tal-Appell, l-isem Paolo Vella ġie mibdul biex jaqra Paul Vella, u dak ta' Emanuela Vella ġie mibdul biex jaqra**

[1] Fis-sentenza appellata tħalliet barra l-korrezzjoni li kienet ġiet ordnata mill-Qorti tal-Appell permezz tad-digriet tad-19 ta' Settembru, 2016 fis-sens li l-isem *"Paolo Vella"* jiġi jaqra *"Paul Vella"* u minflok *"Emanuela Vella"* jiġi jaqra *"Emanuel Vella"*. Għalhekk għall-finijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti qiegħda tordna li wara l-ismijiet ta' *"Paolo Vella"* u *"Emanuela Vella",* kif muri fl-okkju tas-sentenza appellata, jiżdiedu l-kliem: *«u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2016 mogħti mill-Qorti tal-Appell, l-isem Paolo Vella ġie mibdul biex jaqra Paul Vella, u dak ta' Emanuela Vella ġie mibdul biex jaqra Emanuel Vella.»*

**Emanuel Vella; Doreen Micallef, u Marthese mart Gorg Bartolo *stante* li l-istess attur miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Grace Everest, Jimmy Agius, Angelo Agius; u l-istess Grace Everest b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2001 ġiet konfermata bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Agius bħala eredi tal-mejta Maria Agius u Victoria Vella, xebba u b'digriet tas-7 ta' Diċembru, 2023 *stante* l-mewt ta' Victoria Vella l-atti ġew trasfużi f'isem Joseph, Grace mart Charles Everest, Angelo u John Mary *sive* Jimmy Agius aħwa Agius ulied il-mejtin Paolo u Maria Agius**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell prinċipali mressaq mill-konvenuti u dwar appell inċidentali mressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April, 2019, fejn fost affarijiet oħra l-Ewwel Qorti, (i) laqgħet it-talbiet tal-attur (illum l-atti ġew trasfużi f'isem uliedu bħala eredi tiegħu) sabiex jitħallas sehem ta' terz ta' numru ta' proprjetajiet ġewwa l-Mellieħa, li tħallew bi prelegat mill-ġenituri, Gio Maria u Anna Vella, lil uliedhom Maria mart Paolo Agius (illum mejta, awtriċi ta' uħud mill-konvenuti) u lill-konvenuta Victoria Vella, xebba, li mietet fil-mori tal-proċeduri u saret it-trasfużjoni tal-atti favur il-bqija tal-konvenuti; (ii) ikkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma komplessiva ta' €55,567; (iii) ordnat illi l-imgħax legali fuq l-ammont ta' €37,045 jitlaq mis-6 ta' Mejju, 1970 u l-imgħax fuq l-ammont ta' €18,522 jitlaq mis-27 ta' Jannar, 2017.

**Daħla**

2. Permezz taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-20 ta' April, 2001, l-attur Paul Vella, fisser li huwa iben Gio Maria u Anna konjuġi Vella, illum mejtin. Jgħid li permezz ta' testment li sar fil-11 ta' Frar, 1954, fl-atti tan-nutar Dr. Antoine Galea, il-ġenituri tiegħu, bħala t-testaturi, ħallew bi prelegat lil uliedhom Maria mart Paolo Agius u Victoria Vella, xebba, illum it-tnejn mejta, il-fondi numri 18, 19 u 21 fi Triq il-Wied, il-Mellieħa u garaxx fl-istess triq mingħajr numru.

3. Jissokta jgħid li bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-istess testment, it-testaturi ordnaw illi: *«l-istess fondi jiġu stmati minn perit u l-istess Maria Agius u Vittoria Vella jkunu obbligati jħallsu lill-imsemmi ħuhom Paolo Vella, tifel tat-testaturi, it-terz tal-valur li jiġi ffissat mill-istess perit għall-istess fondi.»*

4. L-attur sostna li minkejja li l-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tal-ammont dovut lilu, skont dak li ordnaw it-testaturi, huma baqgħu inadempjenti. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. tinnomina perit sabiex jagħmel stima tal-fondi li jġibu n-numri tmintax (18), dsatax (19) u wieħed u għoxrin (21), Triq il-Wied, Mellieħa u l-garaxx li jinsab fl-istess triq.*

*2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex skont l-Artikolu Erbgħa (4) tat-testment li għamlu Gio Maria u Anna konjuġi Vella, iħallsu lill-attur terz minn dik is-somma li tiġi hekk likwidata mill-perit.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

5. Il-konvenuti wieġbu permezz tan-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom ippreżentata fil-11 ta' Lulju, 2001, fejn eċċepew:

*«1. Illi qabel xejn għal kull buon fini qed jiġi ddikjarat illi in forza tal-Artikolu 4 tat-testment imsemmi fil-premessi taċ-Ċitazzjoni odjerna, il-prelegat jinkludi wkoll mezzanin fl-istess triq liema mezzannin illum iġib in-numru 20, u għaldaqstant dan il-mezzanin huwa proprjetà tal-konvenuti.*

*2. Illi t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuti għamlu diversi offerti mingħajr preġudizzju anke a bażi ta' stima ta' periti, liema offerti baqgħu qatt ma ntlaqgħu mill-atturi.*

*4. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

6. Permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet inversi, bin-numru ta' referenza 47/2002, intlaqgħu t-talbiet tal-atturi sabiex jiġi ppubblikat l-att tal-immissjoni fil-pussess min-naħa tal-konvenut favur l-atturi tal-proprjetajiet bin-numri 18, 19 u 21, kif ukoll dak li jġib in-numru 20, fi Triq il-Wied, il-Mellieħa, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut (fejn fost affarijiet oħra, il-konvenut li huwa attur f'din il-kawża kien qiegħed jippretendi li huwa proprjetarju tal-fond numru 20), u ordnat li jiġi ppubblikat l-att relattiv.

7. Għalhekk, wara li l-atturi fil-kawża 47/2002 ġew iddikjarati bħala proprjetarji wkoll tal-fond numru 20, fi Triq il-Wied, ġewwa l-Mellieħa, minbarra l-fondi l-oħra li dwarhom ma kienx hemm kontestazzjoni f'dak ir-rigward, intlaqgħet it-talba ta' wlied l-attur fil-kawża tal-lum li jiżdied ukoll il-fond numru 20, għall-fini tat-talbiet attriċi.

8. Aktar tard, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar, 2017, ġiet finalment deċiża l-kwistjoni parzjali f'din il-kawża dwar iż-żmien relevanti (għall-fini tal-istima), fejn ingħad li huwa l-jum meta nfetaħ il-wirt ta' min fost it-testaturi kien baqa' ħaj li kien jgħodd. Dik is-sentenza ħassret ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tas-sentenza preliminari tat-8 ta' Frar 2006, b'dan illi din il-kwistjoni baqgħet bla preġudizzju u għalhekk kellha tiġi deċiża fis-sentenza finali; u kkonfermatha fejn ħatret perit tekniku u ordnat li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-tieni talba.

9. Bil-permess tal-Qorti, fl-24 ta' Ottubru, 2017, il-konvenuti f'din il-kawża ppreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri, fejn eċċepew hekk:

> *«1. Illi t-talbiet attriċi inkwantu jirrigwardaw il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *"2. Illi fi kwalunkew każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, peress illi l-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa abbużivament kien fil-pussess tal-atturi, gawdut u wżat minnhom, tant illi kellha addirittura*

*ssir kawża sabiex jiġi rilaxxjat (Ċitazzjoni Numru 47/02JA) u jiġi mgħoddi lill-esponent konvenuti, għaldaqstant ma għandu jiddekorri l-ebda imgħax fuq it-terz tal-valur tiegħu. Kopja tas-sentenza relattiva qed tiġi hawn mehmuża – Dok. 'GE'.»*

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet hekk:

*«Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra (ħlief dawk deċiżi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017), u tilqa' t-talbiet attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' €55,567 (ħamsa u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u sittin Ewro); bl-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €37,045 (sebgħa u tletin elf u ħamsa u erbgħin Ewro) jibdew jgħaddu mis-6 ta' Mejju 1970; fuq ir-rimanenti €18,522 (tmintax-il elf, ħames mija u tnejn u għoxrin Ewro) jibdew għaddejjin mis-27 ta' Jannar 2017.*

*L-ispejjeż (ħlief dawk ġa deċiżi mis-sentenza appena ċitata tal-Qorti tal-Appell) ikunu a kariku tal-konvenuti.»*

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«... il-Qorti l-ewwel trid tqis din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qabel ma tiddisponi mit-talbiet u l-eċċezzjonijiet l-oħra. Din l-eċċezzjoni sorġiet wara li l-Qorti iddeċidiet fil-kawża msemmija li l-proprjetà hija tal-konvenuti għaliex meta istitwew il-kawża huma kienu taħt l-impressjoni (anzi konvinzjoni) li kienet tagħhom – allura ma kellhomx għalfejn jitolbu l-ħlas tal-legat imsemmi. L-**artikolu 845** jgħid illi:*

> *«(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*
>
> *(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief għeluq sena minn dakinhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.»*

*Illi huwa evidenti li meta saret il-korrezzjoni għall-att promotur, u allura żdied il-fond numru 20 Triq il-Wied il-Mellieha, mal-proprjetajiet inkwistjoni, kienu għaddew aktar minn għaxar snin minn meta nfetħet is-suċċessjoni tal-mejta.*

> *«Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda ġid li ġej minn wirt taqa' taħt iż-żmien preskrittiv tal-**artikolu 845**. Wieħed irid jagħraf bejn*

> *azzjoni għas-sehem fil-wirt (petitio hereditatis) u azzjoni dwar ġid li kien jagħmel minn wirt, bħal fil-każ ta' azzjoni għall-qasma ta' komuni mnissel minn wirt. L-istess jingħad dwar xi għamla ta' azzjoni li timmira għal xi aspett partikolari tal-proċess tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' ġid f'wirt; …. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja; Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-***artikolu 845***.» ("***Degabriele v. Attard***" deċiża mill-Prim Awla fit-23 ta' Ġunju 2005).*

*Illi fil-każ in eżami, kienu l-istess atturi li kienu fil-pussess tal-fond inkwistjoni u allura l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta huma ħallew dak il-pussess; evidentement meta ġiet deċiża l-kawża kontra tagħhom – għalhekk il-preskrizzjoni ma kinitx għadha bdiet għaddejja qabel dakinnhar.*

*Illi madankollu għandhom raġun il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li peress li l-atturi stess kienu fil-pussess ta' din il-proprjetà ma jistgħux jitolbu l-imgħax fuqha għaliex kienu qed igawduha. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri iżda tiċħad l-ewwel waħda.*

*Jibqa' għalhekk għall-Qorti biex tiddeċiedi kemm għandu jkun likwidat l-ammont dovut lill-atturi, u f'dan ir-rigward hemm żewġ kwistjonijiet. L-ewwel kwistjoni ġiet deċiża mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'din il-kawża, u ċjoè l-punctum temporis tal-valutazzjoni tal-fondi inkwistjoni – ġie deċiż dakinhar li l-valur kellu jkun dak tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-aħħar mill-konjuġi li ġie nieqes, u għalhekk fis-6 ta' Mejju 1970. Naturalment il-Qorti trid tibbaża ruħha fuq l-istimi tal-A.I.C. Mario Cassar nominat għall-iskop.*

*Illi l-istimi huma hekk (fol 352 et sequitur):*

> *Fondi numru18 (issa 37) u 19 (issa 39) Triq il-Wied, Mellieħa: €17,433*
>
> *Fond numru 20 (issa 41) Triq il-Wied, Mellieħa; €18,522*
>
> *Fond numru 21 (issa 43) Triq il-Wied, Mellieħa; €19,612*

*Il-kwistjoni l-oħra hija minn meta għadu jibda għaddej l-imgħax fuq dawn l-ammonti. L-artikolu 728 tal-Kodici Ċivili jgħid illi:*

> *«L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-*

*sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;*

*(b) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.»*

*Illi fil-każ in eżami l-legat huwa fis-sens li l-konvenuti kellhom iħallsu t-terz tal-**valur** tal-proprjetajiet inkwistjoni; għalhekk l-intenzjoni tal-leġislatur hija li fejn jidħol ħlas ta' flus, l-imgħaxjiiet kellhom jibdew għaddejjn minn dakinhar li jmut it-testatur. Kwindi l-Qorti se takkorda ħlas ta' mgħaxjiet mis-6 ta' Mejju 1970. Naturalment dan ma japplikax għall-valur tal-fond numru 20 kif ġa spjegat.»*

12. Il-konvenuti appellaw minn din l-aħħar sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' rikors tat-2 ta' Mejju, 2019. Huma jsejsu l-appell tagħhom fuq erba' aggravji: (i) li l-azzjoni tal-atturi hija preskritta sa fejn tolqot il-fond numru 20, fi Triq il-Wied, il-Mellieħa; (ii) li l-imgħaxijiet ġew imposti b'mod ħażin; (iii) li l-Ewwel Qorti ħadet il-valur sħiħ tal-fondi fl-1970, kif stmati mill-perit tekniku Mario Cassar, filwaqt li skont il-prelegat riżultanti mit-testment, sehem l-attur kellu jkun ta' terz ta' dak il-valur; u (iv) li huma ma kellhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża.

13. L-atturi wieġbu għall-appell prinċipali tal-konvenuti fis-sens li l-aggravji tal-konvenuti appellanti, ħlief għat-tielet aggravju, għandhom jiġu miċħuda.

14. L-atturi ressqu wkoll appell inċidentali mis-sentenza appellata fis-sens illi huma ħassewhom aggravati bil-fatt li fil-każ tal-fond numru 20,

ġie deċiż li l-imgħaxijiet kellhom jitilqu mid-data tas-27 ta' Jannar, 2017, filwaqt li huma jsostnu li l-imgħax, f'dan il-każ ukoll, kellu jibda għaddej mis-6 ta' Mejju, 1970.

15. Inżamm smigħ fis-7 ta' Diċembru, 2023, li fih l-avukati tal-partijiet ittrattaw kemm l-appell prinċipali, kif ukoll dak inċidentali u minn hemmhekk, il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet**

16. Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2017, iddeċidiet b'mod finali li ż-żmien relevanti għall-għanijiet li ssir l-istima maħsuba fl-Artikolu 4 tat-testment ta' Gio Maria u Anna Vella għandu jkun dak ta' meta nfetaħ il-wirt ta' min fost it-testaturi kien baqa' ħaj, jiġifieri fis-6 ta' Mejju, 1970.

17. Miżmum dan kollu, din il-Qorti se tibda billi tqis l-**ewwel aggravju tal-appell prinċipali tal-konvenuti**, jiġifieri dak marbut mal-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni dwar l-inklużjoni tal-fond numru 20, fi Triq il-Wied, il-Mellieħa għall-fini ta' stima tal-valur għall-ħlas tiegħu f'din il-kawża.

18. Il-konvenuti jgħidu li meta l-Ewwel Qorti qieset din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, qalet li din l-eċċezzjoni tqajmet wara li hija kienet iddeċidiet fil-kawża l-oħra bin-numru 47/2002, li huma sidien ukoll tal-fond numru 20. Jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti qalet li meta tressqet din il-kawża, l-attur kien taħt l-impressjoni (anzi kellu konvinzjoni) li dak il-fond kien tiegħu u għalhekk ma kellux għalfejn jitlob il-ħlas tal-imsemmi legat.

19. Il-konvenuti appellanti jisħqu li din la kienet "impressjoni" u lanqas "konvinzjoni", iżda sitwazzjoni li huma ġew imħabbta biha meta l-attur (li kien konvenut fil-kawża 47/2002), l-ewwel qal li l-fond kien tiegħu peress li kisbu permezz tal-preskrizzjoni triġenarja , imbagħad ulied il-konvenut, li daħlu f'dik il-kawża wara li l-konvenut miet fil-mori tal-proċeduri, ressqu wkoll pretensjoni li l-fond numru 20, kien akkwistat permezz ta' kuntratt pubbliku.

20. Dan wassal sabiex il-proċeduri twalu għalxejn u saru aktar spejjeż, hekk kif f'dik il-kawża (47/2002) ukoll kellu jinħatar perit tekniku, sabiex jistabbilixxi jekk il-fond numru 20, fi Triq il-Wied, il-Mellieħa, kienx inkiseb jew le mill-attur (konvenut fil-kawża l-oħra). Ir-rapport tekniku f'dik il-kawża wera biċ-ċar li l-kuntratt pubbliku kien jirreferi għal fond ieħor fl-istess triq.

21. L-appellanti prinċipali jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża 47/2002, fejn permezz tas-sentenza preliminari tagħha tat-8 ta' Frar, 2006, *inter alia* ċaħdet is-sitt eċċezzjoni tal-konvenut (Paul Vella) fejn kien qiegħed jingħad minnu li huwa kien sid tal-fond numru 20 bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġenarja .

22. Għalkemm fis-sentenza issa appellata taħt eżami, l-Ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Degabriele v. Attard***, sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, madankollu l-konvenuti appellanti, jikkontendu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet din l-eċċezzjoni tagħhom dwar il-preskrizzjoni, peress li l-pussess tal-atturi ma kienx wieħed b'rieda tajba. Anzi, jsostnu li meta l-konvenuti fil-kawża l-oħra, raw li l-eċċezzjoni tagħhom tal-preskrizzjoni akkwiżittiva triġenarja  ma kinitx ser tirnexxi, ressqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva permezz ta' kuntratt. Għalhekk fil-fehma tal-konvenuti f'din il-kawża, l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni kellha tintlaqa', anke peress li l-istess Pawlu Vella ma inkludiex dan il-fond numru 20 fid-denunzja tiegħu tad-*de cuius.*

23. Din il-Qorti tqis li qabelxejn għandhom jiġu mfakkra numru ta' prinċipji marbuta mal-**Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili**. Ibda biex, iż-żmien ta' għaxar snin mill-ftuħ tal-wirt imsemmi f'dan il-provvediment tal-liġi huwa wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għalhekk jgħoddu għalih

ir-regoli tal-impediment, tas-sospensjoni u tal-ksur tal-preskrizzjoni. Iżda minbarra dan, dik il-preskrizzjoni hija wkoll waħda akkwiżittiva (ara kemm is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi***, kif ukoll dik tad-29 ta' Jannar, 1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Briffa et v. Caterina Scicluna*** **(Kollez. Vol. XXXVIII.i.21**).

24. Barra minn hekk, sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-imsemmi artikolu, irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ tal-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu (*animo domini*) għaż-żmien kollu preskrittiv (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Mejju, 1957 fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Ellul Bonici v. Wisq Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna et nomine***). Kif imtenni ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Christina Olympia Scerri et v. Theresa Zahra et*****,** b'referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Camilleri v. Camilleri*** deċiża fis-16 ta' Mejju, 1983, qalet li: *«il-preskrizzjoni ta' għaxar snin f'każ ta' eredità hija ta' indoli akkwiżittiva, u hija bbażata fuq l-esklussività tal-pussess; għalhekk, kompliet tgħid din il-Qorti, il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu għall-kors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili.»*

25. B'dawn il-prinċipji f'moħħ il-Qorti jinżel li l-ewwel aggravju tal-konvenuti ma jistax jintlaqa'. Dan jingħad peress li, kif ingħad mill-Ewwel Qorti, meta dan l-**Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili** ġie eċċepit ulterjorment mill-konvenuti fir-rigward tat-talbiet attriċi tal-kawża tal-lum, dan kien sar sewwasew wara li dik l-istess Qorti, permezz tas-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar, 2015, fil-kawża 47/2002, laqgħet it-talbiet tal-atturi (konvenuti f'din il-kawża) sabiex issir l-immissjoni fil-pussess tal-proprjetajiet kollha suġġett tal-legat, inkluż il-fond numru 20. Dan ifisser li, sa dak il-mument, l-atturi f'din il-kawża kienu għadhom qegħdin iżommu f'idejhom il-fond numru 20.

26. Kif tajjeb osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar, 2006, f'dik il-kawża 47/2002, (mhux appellata) ġiet miċħuda mhux biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja mressqa mill-konvenut f'dik il-kawża, iżda wkoll l-eċċezzjoni skont l-**Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili** minħabba li appuntu l-atturi (konvenuti f'din il-kawża) kienu qegħdin jitolbu l-immissjoni fil-pussess. Għalhekk għall-istess raġunijiet ma tistax tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti msejsa fuq dan l-istess provvediment tal-liġi.

27. Dan qed jingħad peress li, sal-mument li ġiet ordnata l-immissjoni fil-pussess, il-proprjetajiet kollha, inkluż il-fond numru 20, kienu fil-

pussess tal-eredi kollha (skont l-Artikolu 6 tat-testment tal-11 ta' Frar, 1954). Wara kollox, kif mgħallem fil-ġurisprudenza, filwaqt li l-proprjetà ta' ħaġa mħollija b'legat tgħaddi għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, iżda l-pussess tal-ħaġa jgħaddi għand il-werrieta u huwa minħabba f'hekk li huwa meħtieġ mil-legatarju li jitlob li jitqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mħollija lilu (ara s-sentenza ***Ignazia Degabriele v. Joseph Attard et*** imsemmija mill-Ewwel Qorti).

28. Għalkemm huwa minnu li l-attur, bħala konvenut fil-kawża 47/2002, kien qiegħed jivvanta titolu fuq il-fond numru 20, kemm permezz tal-preskrizzjoni triġenarja , kif ukoll permezz ta' titolu (u din il-pretensjoni tqajmet fil-mori tal-proċeduri 47/2007 qabel ma ngħatat is-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni tat-8 ta' Frar, 2006 – ara rikors tat-8 ta' Awwissu, 2003 f'paġna 41 tal-proċess 47/2002), din però mhijiex il-mertu tal-eċċezzjoni preliminari ulterjuri mressqa mill-konvenuti f'din il-kawża. Jinżel b'hekk, li lanqas ir-rieda tajba jew nuqqas tagħha tal-attur ma hija ta' relevanza għall-aggravju taħt eżami.

29. Hekk ukoll, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenuti appellanti, effettivament l-attur kien inkluda l-fond numru 20 fid-denunzja, wara l-mewt tat-testatur Gio Maria Vella (ara paġna 92 tal-proċess). Dan

qiegħed jingħad mhux għaliex huwa ta' relevanza għall-mertu ta' dan l-aggravju, iżda qiegħed jiġi ppreċiżat għall-fini ta' korrettezza.

30. Kif ġie mtenni fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et***, dwar il-provvediment tal-liġi li fuqu jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti appellanti:

> *«...ż-żmien preskrittiv maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva.* ***Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja****. Madankollu, b'differenza minn dak mitlub biex tirnexxi l-preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-artikolu 2140 tal-istess Kodiċi, mhumiex meħtieġa l-prova tat-titolu u l-bona fidi, għalkemm l-għamla ta' pussess ippruvat irid ikun wieħed formali, jiġifieri wieħed li kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt ta' proprjetà.»* (enfasi ta' din il-Qorti)

31. Barra minn hekk, kif imfisser fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Frar, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Reverendu Patri Franġisku Azzopardi et v. Maria Hilda Cauchi et***, il-pussess meħtieġ permezz tal-**Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili**, irid ikun mhux sempliċement każwali, iżda jrid ikun pussess formali, fejn irid jiġi ppruvat l-element attiv tal-pussess. Filwaqt li din il-Qorti tħaddan dawn l-istess prinċipji, meta tħaddimhom għall-każ tal-lum, m'hemmx dubju li ġie ppruvat li l-konvenuti f'din il-kawża, ma kellhomx pussess tal-fond numru 20 għal dawn l-aħħar għaxar snin, kif hawn imfisser.

32. Kif osservat qabel, il-pussess fattwali, jew aħjar id-detenzjoni tal-fond numru 20, kien f'idejn l-attur Paul Vella sa mill-mewt tal-aħħar fost it-testaturi, Gio Maria Vella, fis-6 ta' Mejju, 1970 u dan tal-inqas sa meta ngħatat is-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2015, fil-kawża 47/2002, meta laqgħet it-talba tal-atturi (konvenuti f'din il-kawża) biex isseħħ l-immissjoni fil-pussess. Tant hu hekk li, dik il-Qorti tat ukoll terminu ta' tliet xhur lill-konvenuti f'dik il-kawża, sabiex jiżgombraw mill-istess fond, kif wara kollox intalab mill-atturi (konvenuti f'din il-kawża). Ladarba l-partijiet baqgħu l-kopussessuri sal-mument li ngħatat dik is-sentenza, żgur li ma setax jibda għaddej xi terminu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva.

33. Barra minn hekk, kif tajjeb osservat l-appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, il-konvenuti appellanti rrinunzjaw ukoll għall-preskrizzjoni mqanqla minnhom, meta fin-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali, huma stess fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom sostnew li l-prelegat skont ir-raba' artikolu tat-testment kien jinkludi wkoll il-mezzanin li jġib in-numru 20. Għalhekk fil-bidu tal-kawża, il-konvenuti appellanti għarfu l-jedd tal-attur fuq il-fond numru 20, li kien jifforma parti mill-prelegat imħolli lil Paul Vella, fis-sens li kellu jingħata l-kumpens ta' terz fuq l-imsemmi fond ukoll.

34. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella v. Peter Abela et***, meta f'kawża jkun hemm rikonoxximent tad-dejn, it-terminu ta' preskrizzjoni jiġi interrott, kif ukoll: *«għall azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tiegħu spontanju ta' assunszjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatabbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mil-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni»* ***(Vol. XXVII.i.307)***. Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ ukoll, il-konvenuti poġġew ruħhom b'att tagħhom spontanju, permezz tal-eċċezzjonijiet tagħhom, fi stat ta' fatt li rrenda inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tagħhom mal-preskrizzjoni mqanqla minnhom peress li tabilħaqq jiġi li rrinunzjaw għaliha.

35. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud kollu kemm hu u sejra tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li tinkludi l-fond numru 20, fi Triq il-Wied, il-Mellieħa għall-fini ta' stima tal-valur tiegħu.

36. Imiss issa li jiġi mistħarreġ it-**tieni aggravju tal-konvenuti appellanti**, li huwa dwar l-imgħaxijiet jew aħjar minn meta dawn għandhom jibdew għaddejjin. Il-konvenuti appellanti, taħt dan l-aggravju,

jilmentaw li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li dawn kellhom jibdew għaddejjin mis-6 ta' Mejju, 1970 skont l-**Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili**, bl-eċċezzjoni tal-fond numru 20, f'liema każ, ġie deċiż li l-imgħax jibda għaddej mis-27 ta' Jannar 2017.

37. Il-konvenuti appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kwistjoni tal-imgħax u minn meta dan jibda jiddekorri, meta l-atturi ma ressqu l-ebda talba fiċ-ċitazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' mgħax. Għalhekk, ladarba l-Qorti ma kinitx mitluba li takkorda l-imgħax, lanqas kellha għalfejn tidħol fil-mertu tal-ħlas tal-imgħax, jew tal-inqas jekk riedet tagħti l-imgħax dan kellu jitlaq minn dakinhar tas-sentenza.

38. Barra minn hekk, il-konvenuti appellanti jargumentaw li l-prelegat fil-każ tagħna ma kienx jitkellem dwar somma speċifika, iżda dwar ħlas ta' terz tal-valur tal-fondi msemmija fit-testment u dan wara li ssir stima, jiġifieri kien ammont *da liquidarsi.* L-ammont ġie likwidat reċentement permezz tas-sentenza appellata, wara li ngħatat ukoll sentenza minn din il-Qorti dwar il-*punctum temporis* relevanti għall-fini tal-istima.

39. Jingħad ukoll mill-konvenuti appellanti, li l-**Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili**, li fuqu straħet l-Ewwel Qorti jagħmel referenza għall-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili**, fejn jingħad li frottijiet jew imgħaxijiet tal-legat jistgħu

jintalbu biss, minn dakinhar li l-werriet ikun imsejjaħ b'ittra uffiċjali sabiex jikkunsinna jew iħallas il-legat. Ħaġa li l-attur m'għamilx f'din il-kawża, anzi lanqas talab ħlas tal-imgħax fil-kawża ppreżentata minnu.

40. Il-konvenuti appellanti jtennu li l-imġiba tal-atturi (konvenuti fil-kawża l-oħra) wasslet biex ittawwlu l-proċeduri, sabiex ikun diffiċli għall-appellanti li jieħdu dak li hu dovut lilhom skont il-liġi u li ssir l-immissjoni fil-pussess. Għalhekk il-konvenuti appellanti jsostnu li ma jkunx sewwa li apparti t-terz tal-valur, l-atturi jiġu ppremjati billi jieħdu wkoll l-imgħax mid-data tal-mewt tat-testatur u li d-dewmien kkaġunat minnhom flok jiġi ċċensurat ser ikun ta' benefiċċju għall-istess atturi.

41. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-atturi appellati jsostnu li għamlet sew l-Ewwel Qorti li ħaddmet l-**Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili**, peress li ladarba l-prelegat imħolli lill-awtur tagħhom Paul Vella, kien jikkonsisti f'terz tal-valur tal-immobbli, dan huwa proprju kapital għaliex jikkonsisti fi ħlas ta' flus jew kreditu li huwa intrinsikament marbut ma' fondi kapitali, fil-forma ta' proprjetà immobbli li tagħti wkoll frottijiet. Għalhekk l-appellati jsostnu li ma kienet meħtieġa l-ebda ittra uffiċjali u lanqas talba speċifika fl-att taċ-ċitazzjoni.

42. Barra minn hekk, jingħad minnhom li, meta din il-Qorti stabbiliet il-*punctum temporis* li għandu jgħodd għall-fini li jiġi stabbilit il-valur tal-prelegat, ingħad ukoll: «*Iż-żmien relevanti għalhekk huwa ż-żmien ta' meta nfetaħ il-wirt u l-atturi għandhom jedd għal sehem tal-valur kif kien dakinhar;* ***jistgħu biss jitolbu l-imgħax fuqu taħt l-art. 728(b) jekk il-legat jitqies ta' kapital****.*» (enfasi magħmula mill-appellati).

43. Il-konvenuti appellati jikkontestaw ukoll l-aggravju tal-appellanti prinċipali, fejn jingħad li huma kienu b'xi mod responsabbli għall-fatt li l-kawża damet għaddejja. Isostnu li l-ilment tal-konvenuti appellanti li l-mogħdija ta' żmien ser ikun ta' ħsara għalihom m'għandux jintlaqa', ikkunsidrat ukoll il-valur li huma ser jingħataw relattiv għas-sena 1970, imqabbel mal-valur attwali tal-proprjetà li llum igawdu l-konvenuti.

44. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li, t-tweġiba għal dawn l-argumenti mressqa mill-partijiet fil-kawża, dwar il-ħlas tal-imgħax jinsab fl-analiżi tal-**Artikoli 727** u **728 tal-Kodiċi Ċivili**.

45. Fir-rigward tal-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili,** ir-regola ġenerali hija li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lill-legatarju ħlief mill-jum li fih huwa jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, imqar

b'ittra uffiċjali, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu.

46. Filwaqt li fil-każ tal-**Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili**, dan jipprovdi illi l-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja mhix meħtieġa fejn it-testatur ikun ordna mod ieħor, u fejn il-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ta' ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

47. Relevanti tassew f'dan is-sens hija l-analiżi li għamlet ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Doris Catania et v. Evelyn Farrugia et***:

*«Għandu jkun paċifiku li, fid-dispożizzjoni testamentarja inkwistjoni, it-testatur ma ordnax lill-eredi tiegħu biex iħallsu l-imgħaxijiet lil-legatarja. Jifdal għalhekk li wieħed jara jekk il-legat inkwistjoni huwiex ta' fond, kapital jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.*

*Intqal b'referenza għad-dispożizzjoni analoga f'kodiċi ċivili Taljan tal-imgħoddi, li: "Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi" (**Pacifici Mazzoni**, Il Codice Civile Italiano Commentato, VoL.IV, para.78). **Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impiegat b'mod fruttiferu.** Tal-istess fehma huwa **Ricci**, li jgħid, "Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di denaro, che è capace a produrre interessi, bensi quel denaro che trovandosi ġià investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi". **Fil-każ odjern, ma ġiex legat kapital li kien diġà impjegat b'mod fruttiferu, imma ġiet legata somma flus sempliċi. Għalhekk l-artikolu 728 ma jsibx applikazzjoni għall-fattispeċi tal-każ odjern.***

*Din l-interpretazzjoni sabet sostenn anke mill-ġurisprudenza emanata mill-qrati tagħna (ara **Clyde Meli v. Maurice Pace Decesare et**, Prim Awla, 24/5/2002 - mhux appellata).»* (enfasi ta' din il-Qorti).

48. Filwaqt li kien tressaq appell minn dik is-sentenza, li kien jinkludi aggravju dwar d-*dies ad quem* (jum sa liema)*,* ma sar l-ebda appell fuq id-*dies a quo* (il-jum li minnu)*.* Għalhekk, il-konsiderazzjonijiet hawn qabel imsemmija jibqgħu rilevanti.

49. Bit-tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, hawn ukoll jidher li l-artikolu tat-testment li bih tħalla l-prelegat lil ulied it-testaturi Maria mart Paolo Agius u Vittoria, xebba, aħwa Vella, ċjoè l-proprjetjiet inkwistjoni: «*bil-patt li l-istess fondi jiġu stmati minn Perit u l-istess Maria Agius u Victoria Vella jkunu obbligati jħallsu lill-imsemmi ħuhom Paolo Vella, tifel tat-testaturi, it-terz tal-valur illi jiġi ffissat mill-istess perit għall-istess fondi.*» Ma jissemmiex li għandu jitħallas l-imgħax fuq dan il-valur li għandu jiġi stmat minn perit.

50. Dwar il-kwistjoni jekk il-legat imħolli lill-attur Paul Vella hux kapital, din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mill-atturi appellati fis-sens li l-prelegat imħolli lill-awtur tagħhom huwa kapital, peress li huwa intrinsikament marbut ma' fondi kapitali, fil-forma ta' proprjetà immobbli li trendi wkoll frottijiet, peress li kif hawn qabel imfisser, sabiex legat ikun jista' jitqies bħala kapital, jeħtieġ li dan ikun diġà mħaddem b'mod fruttiferu li mhux il-każ.

51. Hekk ukoll, sa fejn l-appellati jagħmlu referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2017, fl-istess ismijiet, ingħad li l-atturi, «*jistgħu biss jitolbu l-imgħax fuqu taħt l-art. 728(b) <u>jekk</u> il-legat jitqies ta' kapital*», din il-frażi hija waħda kundizzjonata. Ma kienx qiegħed jingħad li l-legat kellu jitqies bħala kapital iżda li jekk jitqies bħala kapital kien ikun hemm lok għall-ħlas tal-imgħax. Iżda kif rajna l-legat imħolli lill-attur Paul Vella ma jistax jitqies bħala kapital.

52. Għalhekk din il-Qorti tasal li taqbel mal-konvenuti appellanti li fil-każ tal-lum ma kellux jitħaddem l-**Artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili**, iżda ma taqbilx magħhom meta jingħad minnhom li lanqas japplika l-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili**. Għaldaqstant kien meħtieġ mill-attur li jagħmel sejħa permezz ta' att ġudizzjarju sabiex ikollu l-jedd jitlob l-imgħaxijiet fuq il-prelegat imħolli lilu.

53. Huwa minnu li l-ammont imħolli bi prelegat lil Paul Vella ma kienx wieħed determinat fit-testment, fis-sens li dan kellu jiġi stabbilit permezz ta' stima ta' perit. Iżda, l-konvenuti appellanti minn dejjem għarfu l-jedd tal-attur għal terz tal-valur tal-proprjetajiet imħollija lilhom u saħansitra wħud minnhom xehdu li, huma kienu għamlu l-eżerċizzju fejn qabbdu perit sabiex jagħmel stima tal-proprjetajiet involuti. Fil-fatt, dan l-eżerċizzju jirriżulta li sar żgur fl-2002 (ara **Dok. KA1** sa **KA5** f'paġni 305

sa 314 tal-proċess 47/2002). Ladarba huma ddeterminaw l-ammont li skont huma kien dovut lill-attur, huma setgħu faċilment jiddepożitaw terz tal-valur stabbilit mill-perit tagħhom, sabiex jinħelsu mir-responsabbiltà tal-ħlas tal-imgħax.

54. Dan qiegħed jingħad ukoll peress li, għalkemm huwa minnu li l-konvenuti f'din il-kawża kellhom ifittxu lill-attur sabiex issir l-immissjoni fil-pussess tal-proprjetajiet, u ż-żewġ kawżi damu għaddejjin diversi snin, inqalgħu diversi kwistjonijiet legali li ż-żewġ partijiet ressqu li kellhom jiġu determinati mill-Qrati, qabel mal-kawża setgħet tiġi deċiża finalment.

55. Fin-nuqqas ta' prova li l-konvenuti ġew imsejħa mill-attur ġudizzjarjament permezz ta' ittra uffiċjali sabiex iħallsuh tal-prelegat, jitqies li jkun ġust li l-konvenuti jiġu ordnati jħallsu l-imgħaxijiet mid-data ta' meta huma ġew notifikati biċ-ċitazzjoni, jiġifieri b'effett mill-21 ta' Ġunju, 2001 (ara d-dahar tal-paġna 34 tal-proċess) u mhux minn dakinhar tas-sentenza appellata, kif jippretendu l-konvenuti (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawża fl-ismijiet ***Dolores sive Maria Dolores Cilia et v. George Borg et***).

56. Għalhekk dan it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti huwa mistħoqq, almenu f'parti.

57. Imiss li jitqies it-**<u>tielet aggravju tal-konvenuti appellanti</u>**, dak dwar il-valur tat-terz kif mogħti mill-Ewwel Qorti. Mir-risposta tal-appell tal-atturi appellati, jidher aċċettat li meta l-Ewwel Qorti elenkat il-proprjetajiet suġġett tal-prelegat, hija ħadet il-valur sħiħ tal-proprjetajiet mertu tal-kawża fl-1970, kif stmati mill-perit tekniku Mario Cassar, minflok li ħadet terz ta' dak il-valur stmat mill-perit, skont il-prelegat riżultanti mit-testment.

58. Jidher li l-Ewwel Qorti b'*lapsus,* żbaljat meta tat il-valur sħiħ tal-proprjetajiet mertu tal-kawża. Jeħtieġ li għal din ir-raġuni wkoll, is-sentenza appellata tiġi riformata sabiex tirrifletti s-sehem ta' terz li għandu jitħallas lill-atturi, jiġifieri:

(i) Għall-proprjetajiet bin-numri 18 (issa 37) u 19 (issa 39) Triq il-Wied, Mellieħa, stmati bil-valur ta' €17,433, it-terz ta' dan il-valur huwa €5,811;

(ii) Għall-fond numru 20 (issa 41) Triq il-Wied, Mellieħa stmat bil-valur ta' €18,522, li terz ta' dan il-valur huwa €6,174; u

(iii) Għall-fond numru 21 (issa 43) Triq il-Wied, Mellieħa stmat bil-valur ta' €19,612, li terz ta' dan il-valur huwa €6,537.33.

59. Dan ifisser li l-ammont totali dovut lill-atturi huwa dak ta' €18,522.33 u mhux dak ta' €55,567, kif ingħad fis-sentenza appellata. Isegwi li dan it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti wkoll huwa mistħoqq.

60. Jonqos li jitqies l-**<u>aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti</u>**, dak dwar il-kap tal-ispejjeż, fejn jilmentaw li mil-lat ta' rebħ u telf fil-każ tas-sentenzi li ngħataw fl-atti tal-kawża, ma kienx ġust li l-Ewwel Qorti kkundannathom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, ħlief għal dawk diġà deċiżi mis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2017.

61. Meqjus il-fatt li, wħud mill-aggravji tal-konvenuti appellanti ser jintlaqgħu u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ser tiġi riformata, tara li teżisti raġuni valida li jiġi mibdul il-kap tal-ispejjeż, sabiex jirrifletti dak maħsub fl-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

62. Għalhekk, dan l-aħħar aggravju ser jintlaqa' wkoll.

63. Jonqos li jiġi trattat l-**<u>appell inċidentali tal-atturi</u>**, li jissejjes fuq l-aggravju waħdieni li fil-każ tal-fond numru 20, ġew akkordati mgħaxijiet mid-data tas-27 ta' Jannar, 2017, mentri jsostnu li l-imgħax, f'dan il-każ ukoll, kellu jibda għaddej mis-6 ta' Mejju, 1970.

64. Fil-verità, jista' jingħad li parti kbira minn dan l-aggravju ġie trattat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha tat-tieni aggravju tal-appell prinċipali, fejn ġie deċiż li l-imgħax m'għandux jibda għaddej mis-6 ta' Mejju, 1970, iżda minn meta l-konvenuti ġew notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni.

65. Madankollu, l-każ tal-fond bin-numru 20, huwa differenti mill-proprjetajiet l-oħra. Din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-attur ma kienx inkluda dan il-fond f'din il-kawża għar-raġuni li huwa kien qiegħed jivvanta titolu fuq dan il-fond, tant li ressaq pretensjonijiet li kiseb l-imsemmija proprjetà kemm permezz tal-preskrizzjoni triġenarja, kif ukoll permezz ta' kuntratt ta'akkwist. Dan wassal għal proċeduri separati fejn il-konvenuti f'din il-kawża kellhom iressqu kawża għall-immissjoni fil-pussess tal-prelegat imħolli lilhom inkluż dan il-fond.

66. F'dik il-kawża (li ġġib referenza 47/2002) il-Qorti kellha tidħol fil-mertu ta' dawn il-pretensjonijiet tal-attur billi taħtar perit sabiex jiġi determinat jekk tabilħaqq l-atturi kellhomx titolu ta' akkwist fuq il-fond numru 20, permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju, 1969 (ara rapport tekniku f'paġna 466 tal-proċess 47/2002). Għalhekk dawn il-proċeduri kellhom għal xi żmien jistennew l-eżitu ta' dik il-kawża qabel ma setgħet titkompla.

67. Tabilħaqq, huwa minnu li l-kwistjoni dwar il-fond numru 20 ġiet determinata finalment, permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-proċeduri 47/2002 tat-30 ta' Jannar, 2015, li ma ġietx appellata. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-atturi talbu li l-fond numru 20, jiġi inkluż fil-proċeduri odjerni biss permezz ta' rikors fit-13 ta' Ġunju, 2017 (ara paġna 288 tal-proċess), liema rikors ġie degretat mill-Ewwel Qorti, fejn intlaqgħu t-talbiet tal-atturi fil-21 ta' Lulju, 2017. Minn hemmhekk saret notifika mill-ġdid, fejn il-konvenuti taw b'ruħhom b'notifikati biċ-ċitazzjoni, kif miżjuda, waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2017.

68. Barra minn hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet f'lokha l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-atturi tal-lum baqgħu jokkupaw il-fond tul dawn is-snin kollha (ara xhieda f'paġni 61 sa 66 tal-proċess 47/2002), bħala raġuni għala ma kellhomx jingħataw imgħax f'dan il-każ bħall-każijiet l-oħra. Biss però ma taqbilx magħha dwar id-data ta' minn meta kellu jitlaq l-imgħax.

69. Dan qed jingħad peress li, għalkemm l-Ewwel Qorti identifikat is-27 ta' Jannar, 2017 (id-data tal-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dan il-każ), bħala d-data li minnha kellu jitlaq l-imgħax, madankollu din is-sentenza kienet qiegħda titratta biss il-kwisjoni tal-*punctum temporis*

relevanti għall-fini tal-istima tal-proprjetajiet. Minkejja dan però, ma tressaq l-ebda aggravju f'dan is-sens.

70. Jista' jkun li l-konvenuti kien ikollhom raġun jargumentaw li l-imgħaxijiet f'dan il-każ tal-fond numru 20, kellhom jitilqu mill-21 ta' Lulju, 2017, data ta' meta ġie deċiż li l-fond numru 20 kellu jifforma parti mill-atti ta' din il-kawża jew mill-4 ta' Ottubru, 2017, data ta' meta laqgħu n-notifika taċ-ċitazzjoni biż-żieda tal-post numru 20. Iżda, ladarba ma tressaq l-ebda aggravju fl-appell prinċipali dwar l-imgħax f'dan is-sens u l-pretensjoni fl-appell inċidentali tal-atturi hija li l-imgħax kellu jitlaq mill-1970, data tal-mewt tal-aħħar wieħed mit-testaturi, allura din il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar minn meta jitlaq l-imgħax dwar il-fond numru 20 għandha tinżamm.

71. Għalhekk mhux ser jintlaqa' l-appell inċidentali tal-atturi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell inċidentali tal-atturi u **tilqa'** f'parti minnu l-appell prinċipali tal-konvenuti u b'hekk qiegħda tbiddel is-sentenza appellata tat-12 ta' April, 2019, fis-sens illi l-konvenuti għandhom iħallsu lill-atturi s-somma

komplessiva ta' €18,522,33 u mhux is-somma ta' €55,567 u li l-imgħaxijiet għandhom jinħadmu hekk: fuq l-ammont ta' €12,348.33 l-imgħaxijiet legali għandhom jibdew għaddejjin mill-21 ta' Ġunju, 2001, filwaqt li fuq l-ammont ta' €6,174, l-imgħaxijiet għandhom jibdew għaddejjin mis-27 ta' Jannar, 2017. Barra minn hekk il-Qorti qiegħda tħassar ukoll il-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata, ħlief dawk ġa deċiżi mis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2017, u minflok tordna li l-ispejjeż tal-ewwel grad għandhom jinqasmu nofs bin-nofs, bejn il-partijiet fil-kawża.

Mill-bqija s-sentenza appellata qiegħda tiġi kkonfermata.

Fl-aħħar nett, tordna li l-ispejjeż marbuta mal-appell prinċipali għandhom jitħallsu wkoll nofs bin-nofs bejn il-partijiet fil-kawża, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-atturi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da